MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Numru. 533/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Peter Paul Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Peter Paul Grima, bin Coronato u Josephine Muscat neé Muscat, imwieled fil-15 ta' Frar 1973 u residenti fil-fond Olive Valley, Triq Frangisk Attard, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 98873(M) li gie akkuzat;

talli nhar is-7 ta’ Lulju 2011 u fil-jiem ta’ qabel din id-data minghajr il-hsieb li jisraq izda sabiex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu dahal f’raba maghrufa bhala ta’ San Blas limiti tan-Nadur, Ghawdex u fixkel lil Saviour Portelli min-Nadur, Ghawdex fil-pussess ta’ hwejgu;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-elementi tar-reat ta’ *ragion fattasi* jissussistu u b’hekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax ippruvata.

Ghaldaqstant, il-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------